

Negħlbu I-Kanċer

Iktar minn 3 miljun ħajja salvata, ħajja itwal u aħjar sal-2030



X'inhuma I-Missjonijiet tal-UE?

Parzjalment ispirati mill-missjoni Apollo 11 biex il-bniedem imur fuq il-qamar, il-missjonijiet tal-UE huma impenn biex jissolvew sfidi kbar tas-soċjetà bħalma huma:

- Il-ġlieda kontra l-kanċer;
- L-adattament għat-tibdil fil-klima;
- Il-ħajja fi bliet aktar ekoloġiċi;
- L-iżguraw ta' raba' b'saħħtu għal ikel tajjeb għas-saħħa, u għal persuni, natura u klima b'saħħithom;
- Il-ħarsien tal-oċeani tagħna.

Kull missjoni tal-UE se jkollha skeda ta' żmien u baġit speċifikament għaliha, skont id-diffikultà tal-isfida tagħhom. Dawn se jmorru lil hinn mir-riċerka u l-innovazzjoni, u se jqanqlu l-innovazzjoni bejn is-setturi biex jipprovdu soluzzjonijiet effettivi. Barra minn hekk, il-missjonijiet se jkollhom rwol kruċjali fil-kisba tal-prijoritajiet tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropeu u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Ewropa biex jingħeleb il-Kanċer.

Il-parteeċipazzjoni tiegħek tgħodd

Għandna bżonnok biex inwettqu l-missjonijiet. S'issa, il-Bordijiet tal-Missjonijiet, magħmulin minn taħlita ta' esperti minn organizzazzjonijiet tal-innovazzjoni, tar-riċerka, tat-tfassil tal-politika, tas-soċjetà ċivili u tal-prattikanti, għenu lill-Kummissjoni Ewropea tispeċifika l-missjonijiet possibbli. Issa wasal iż-żmien li ninvolvu lil Ewropej bħalek biex niżguraw li l-missjonijiet ikunu rilevanti u jagħmlu differenza reali. Billi naħdmu flimkien, nistgħu niksbu ħafna aktar.

Negħlbu I-Kanċer: Missjoni Possibbli




L-għan tal-missjoni huwa aktar prevenzjoni, trattament aħjar, iktar ħajjiet salvati u kwalità tal-ħajja aħjar għall-pazjenti u l-familji tagħhom waqt li jkunu qed jiġġieldu l-kanċer u wara l-kanċer. Il-missjoni se tibda lejn l-aħħar tal-2020 bi skeda ta' żmien ta' għaxar snin biex jintlaħaq l-għan li jiġu salvati iktar minn tliet miljun ruħ permezz ta' iktar prevenzjoni, u aktar persuni li jgħixu ħajja iktar fit-tul u aħjar sal-2030.

Involvi ruġiek fil-missjoni kontra l-Kanċer - għaliex il-kanċer jikkonċernana lkoll. In-nies b'saħħithom iridu jibqgħu b'saħħithom, il-pazjenti u l-familji tagħhom li qed jiġġieldu l-kanċer qed jibbenefikaw minn terapiji mtejba, is-superstiti tal-kanċer qed jistennew kwalità tal-ħajja aħjar wara t-trattament, u dawk li jieħdu ħsieb il-morda jeħtieġu appoġġ aħjar. Lkoll kemm aħna kkonċernati f'dak li għandu x'jaqsam ma' saħħitna u l-benessri tagħna.

Pjan għall-missjoni

Il-Bord tal-Missjoni kontra l-Kanċer beda jaħdem fuq il-kontenut tal-missjoni f'Settembru 2019. L-ewwel pjan ġie ppubblikat fil-bidu ta' Ġunju 2020, u jirrappreżenta viżjoni komuni dwar x'għandha tikseb il-missjoni u kif dan jista' jsir. Identifika ħames oqsma komplimentari:

1. fehim
2. prevenzjoni ta' dak li hu evitabbli
3. ottimizazzjoni tad-dijanjożi u t-trattament
4. appoġġ għall-kwalità tal-ħajja
5. żgurar tal-aċċess ekwu.



■ Il-missjoni għandha l-għan li tindirizza t-tipi kollha ta' kanċer fil-fażijiet kollha. Mill-prevenzjoni tal-fatturi tar-riskju, għall-appoġġ lis-superstiti, u l-kura fi tmiem il-ħajja, għall-etajiet kollha fiċ-ċirkostanzi kollha għal kulħadd fl-Unjoni Ewropea kollha. Dawn jinkludu persuni b'kanċer rari, kanċer fi tfal, adolexxenti, adulti u anzjani, f'familji vulnerabbli soċjalment jew ekonomikament, fost persuni li jgħixu f'żoni remoti, eċċ.

■ Fehim aħjar tal-proċessi u l-fatturi li jwasslu għall-kanċer jista' jsaħħaħ l-azzjonijiet għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kwalità tal-ħajja. Barra minn hekk, iċ-ċans li tingħata dijanjożi fil-ħin biex wieħed ifiq mill-marda huwa differenti ħafna fl-Ewropa kollha u anki fil-pajjiżi nnifishom. Li jingħelbu l-iżbilanċi fl-aċċess għall-għarfien dwar il-kanċer kif ukoll għall-prevenzjoni, id-dijanjożi, it-trattamenti u l-kura tal-kanċer hija prijorità.

■ Il-Bord qed jipproponi 13-il rakkomandazzjoni kuraġġuża, li jduru mal-bżonnijiet tan-nies. Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu livell ġdid ta' kooperazzjoni li qatt ma deher qabel bejn iċ-ċittadini, ir-riċerkaturi, l-istituzzjonijiet u l-pajjiżi.

L-opinjoni tiegħek hija importanti, għalhekk għid tiegħek! Dan hu sommarju qasir ta' dak li l-Bord tal-Missjoni kontra l-Kanċer jemmen li hu l-aħjar mod biex nimxu 'l quddiem. Iżda x'inhu importanti *għalik*?

X'inhuma l-azzjonijiet li *inti* taħseb li huma l-iktar rilevanti biex jingħeleb il-kanċer? Ir-rispons tiegħek se jintuża mill-Bord biex jirranġa l-pjan tiegħu. Ejja ningħaqdu flimkien għaliex flimkien nistgħu nitjebu biex negħlbu l-kanċer.

Ingħaqad fil-konverżazzjoni fuq Twitter: #MissionCancer #EUmissions #HorizonEU u ibqa' aġġornat mal-aħħar żviluppi **fuq is-sit web tagħna** https://ec.europa.eu/info/horizon-europe-next-research-and-innovation-framework-programme/missions-horizon-europe_en